**6 ta' Mejju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D.- President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo Scicluna, LL.D.**

Q

versus

R

## Filjazzjoni Naturali - Kundizzjonijiet

*F'każi ta' filjazzjoni naturali tliet kundizzjonijiet huma meħtieġa cjoè (i) li fi żmien viċin il-konċepiment, il-konvenut kellu relazzjonijiet karnali ma' omm it-tarbija; (ii) li omm it-tarbija ma kellhiex dawn ir-relazzjonnijiet fl-istess żmien ma' oħrajn; u (iii) li fl-istess żmien u qabel hija tkun mantniet "un contegno ed una onorigeratezza tale li jeskludi moralment li hija setà jkollha relazzjonijiet karnali ma' oħrajn barra minn missier it-tarbija.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attriċi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti oppotuni; premess li l-konvenut huwa missier naturali ta' l-istess minuri; premess li l-konvenut għalkemm tenut skond il-liġi li jħallas manteniment ta' l-istess uliedu minuri, qiegħed jonqos milli jagħmel dan, talbet li l-konvenut (i) għandu jiġi ddikjarat il-missier naturali ta' l-istess ulied naturali ta' l-attriċi; (2) għandu dan il-fatt jiġi iskritt fl-atti tat-twelid ta' l-istess minuri; (3) għandu jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi għal-uliedha minuri msemmija dik ir-retta alimentari li jogħġobha tistabilixxi dik il-Qorti bil-modalità li jiġu wkoll stabbiliti; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal illi d-domanda attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi huwa mhux il-missier naturali tat-tfal imsemmija fiċ-ċitazzjoni, salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Settembru, 1978, li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħat it-talbiet attriċi u ddikjarat illi l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri, ulied naturali ta' l-attriċi, ordnat li dan il-fatt għandu jiġi iskritt fl-atti tat-twelid ta' l-istess minuri skond il-liġi, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi għal uliedha minuri msemmija retta alimentari globali fl-ammont ta' sitt liri (Lm6.00,0) fil-ġimgħa pagabbli kull nhar ta' Ġimgħa bil-quddiem, b'kull mod raġjorevoli, fid-dar fejn tkun tabita l-attriċi minn żmien għal żmien - bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u dan wara li kkunsidrat:

Illi ma jistax jiġi nnegat illi l-kawżi simili huma - sommament diffiċli *stante* d-diffikoltà tal-provi però fl-aħħar analisi jrid jingħata affidament naħa jew l-oħra jekk wara li l-Qorti tkun semgħet il-provi *'viva voce'* u għamlet eżami ta' l-istess provi l-Qorti tifhem miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ illi tista' tieħu preża ta' pożizzjoni definittiva fir-rigward tat-tfal u l-filjazzjoni tagħhom....;

*Omissis;*

Illi mill-kompless tal-provi l-Qorti tifhem illi għandha tasal għal konklużżjoni illi t-tfal imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni huma tal-konvenut - din il-konklużżjoni il-Qorti ma tasalx għaliha u ma tista' qatt tasal għaliha b'ċertezza matematika....;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenut li appella minn dik is-sentenza u talab lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza billi tilqa' l-eċċezzjoni ssollevata minnu, u tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi fl-imsemmija kwalità tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attriċi *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-attriċi '*nomine*', li ssottomettiet illi s-sentenza '*de quo*' hi sewwa u tistħoqq konferma; b'riserva ta' sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata dehrilha li fiċ-ċirkostanzi, anke ta' kif ġew prodotti, ma kellhiex toqgħod fuq dawn ix-xhieda, għalkemm ma daħlitx f'dettalji dwar x'kienu dawn iċ-ċirkostanzi. Din il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok, l-interess u l-kompitu tal-konvenut kien dak li jipprova li l-attriċi kellha relazzjonijiet ma' rġiel oħra, u wieħed ma għandux jistenna li xhieda biex jgħidu jekk kellhomx relazzjonijiet ma' l-attriċi se jkunu persuni ta' kondotta morali eżemplari; fit-tieni lok, l-attriċi bl-ebda mod ma pprovat tikkontradiċi jew tiskredita lil xi wieħed minn dawn it-tliet xhieda;

Hija massima ta' ġuriprudenza illi l-paternità naturali hemm bżonn li tirriżulta minn "provi gravi, preċiżi u rassikuranti.... u meta l-konstestazzjoni ta' l-onestà ta' l-omm tirriżulta fondata, kwalsjasi prova ta' paternità li tkun saret tibqa' mneħħija minn kull forza rassikurattriċi" (Vol.XXIV.I.188; Vol. XXXVII.II.768). Fil-każ in eżami, l-onestà ta' l-omm, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tagħha stess li għalihom diġà saret riferenza, żgur li m'hijiex indubitata; u l-provi ta' l-attriċi, tenut kont tal-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi tagħha stess, ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala gravi, preċiżi u rassikuranti';

Kif ġie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, f'każi ta' filjazzjoni naturali tliet kondizzjonijiet huma meħtieġa, ċjoè (i) li fi żmien viċin il-konċipment il-konvenut kellu relazzjonijiet karnali m'omm it-tarbija (ii) li omm it-tarbija ma kellhiex dawn ir-relazzjonijiet fl-istess żmien m'oħrajn; u (iii) li **fl-istess żmien u qabel** hija tkun mantniet "*un contegno ed una morigerattezza tale*" li jeskludi moralment li hija seta' jkollha relazzjonijiet karnali m'oħrajn barra minn missier it-tarbija (Vol. XXIV.I.780;

XXVII.437; XXVIII.I458; XXX.I.443);

Dwar l-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet m'hemm ebda kwistjoni, għax din tirriżulta anke mix-xhieda ta' l-istess konvenut; iżda żewġ kundizzjonijiet l-oħra m'humiex sorretti mill-provi, u għalhekk it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa;

Għall dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tilqa' l-appell, u għalhekk tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi. Fiċ-ċirkustanzi tal-każ, tordna li l-ispejjeż, kemm ta' l-ewwel istanza u kemm ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.